# Splendid Switzerland

## with a touch of France

**05 - 12 T'AWWISSU**

**INŻURU:** Lausanne, Gruyere, Vevey, Montreux, Interlaken, Thun, Bern, Geneve, Gstaad & Annecy

### IS-SIBT 05 T'AWWISSU

Niltaqgħu l-ajruport Internazzjonali ta' Malta fis-13:45 għat-titjira KM482 fl-15:45 u naslu **Geneve** fis-18:00. Wara transfer bil-kowċ lejn il-belt ta' **Lausanne** ġewwa l-Iżvizzera. Mal-wasla tagħna fil-Hotel Agora 4-star issir is-sistemazzjoni tal-kmamar.

### IL-ĦADD 06 T'AWWISSU

Eskursjoni mill-iżjed interessanti għal **Thun u Interlaken** li jinsabu fil-qalba tal-**Bernese Oberland**. Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn Thun li jinsab fil-Canton ta' Bern. Flimkien mat-tour leader, nagħmlu dawra mal-belt fejn naraw postijiet ta' interess fosthom City hall u l-Pjazza mnejn naraw dehra tal-kastell, inżuru l-Old Town, Stadt Kirche, Wooden Bridge 'Untere Schleuse' li qiegħed fuq ix-xmara Aare, naraw ukoll il-lag ta' Thun imdawwar b'xenarju mill-aqwa. Inkomplu l-eskursjoni tagħna lejn Interlaken, riżort ta' fama mondjali imdawwar bil-muntanji Eiger, Monch, u Jungfrau. Passiġġata matul it-triq prinċipali Hohenmatte fejn nammiraw lukandi lussuzi u l-casino li Interlaken hi famuża għalihom. Ikollna ħin liberu għax-xiri ta' souvenirs. Nirritornaw lura l-lukanda u ħarġa mal-leader.

### IT-TNEJN 07 T'AWWISSU

Skopri magħna l-belt ta' **Bern** - il-kapitali tal-Iżvizzera li hija wkoll **World Heritage Site tal-UNESCO**. Flimkien naraw The Garden of Roses, li hi l-aħjar post minn fejn tara veduta sabiħa tal-belt il-qadima. Inkomplu lejn il-bear park, il-post fejn ser taraw l-annimali li taw l-isem lil din il-belt. Naraw it-town hall, funtani, Clock Tower u l-arloġġ astronomiku li jmur lura għas-seklu 15, Federal Parlament bit-terrazzini sbieħ tiegħu mnejn taraw veduta mill-aqwa, Gothic Cathedral u Einstein's House. Wara jkollna ħin liberu fit-triq kollha arkati għal xiri ta' souvenirs u personal sightseeing. Nirritornaw lura l-hotel.

### IT-TLIETA 08 T'AWWISSU

Wara l-breakfast illum ser ikollna **city tour** mill-iżjed interessanti madwar il-belt ta' **Lausanne** fejn ser ikollna l-opportunita' li naraw Place De La Palud, Fountain of Justice, Hotel De Ville, il-Katidral ta' Lausanne, Escaliers du Marche - l-akbar wieħed fl-Iżvizzera, kif ukoll id-distrett ta' Flon fejn kien hemm għadd ta' mħażen li nbiddlu f'restaurants, bars u department stores. Wara nofsinhar ħin liberu għal shopping u personal sightseeing, fejn wieħed jista' wkoll igawdi d-distrett ta' Ouchy mal-lag Geneva. Filgħaxija passiġġata mal-leader.

### L-ERBGĦA 09 T'AWWISSU

Eskursjoni ta' ġurnata fejn se nżuru bliet sbieħ li qegħdin mal-**Lake Geneva (Lac Léman)**. Għalhekk wara l-kolazzjoni nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Château de Chillon**, fejn nagħmlu waqfa qasira għar-ritratti. Dan il-kastell hu ġawhra t'arkitettura mill-ifjen li jinsab fl-isbaħ post immaġinabbli, **fuq ix-xtut ta' Lake Geneva,** imdawwar b'veduti spettakolari tal-muntanji. Wara nkomplu lejn **Montreux**, post pittoresk b'veduti tal-Alpi fejn il-promenade ta' din il-belt hu mimli b'siġar tal-palm, skulturi u fjuri. Nagħmlu dawra matul il-promenade. Issa jmiss li nżuru ġawhra oħra fir-Riviera Svizzera dik ta' **Vevey**. Nieqfu għal sightseeing u ser ikollna l-opportunita' li naraw lis-statwa iddedikata lil **Charlie Chaplin,** fejn dan il-personaġġ għamel żmien jghix f'din il-belt. Minn hawn inkomplu deħlin fil-qalba tal-kampanja Żvizzera sa ma' naslu **Gruyères,** li jinsab fil-Canton ta' Fribourg fl-Iżvizzera - villaġġ medjevali bit-toroq antiki tiegħu. Hija destinazzjoni turistika ferm popolari. Ikollna l-opportunita' li nżuru fabbrika tal-ġobon u xi naqra tasting tal-ġobon ma tonqosx. L-aħħar waqfa tagħna tkun ġewwa l-fabbrika taċ-ċikkulata Nestlé – Maison Cailler - fejn għandna l-opportunita' li nagħmlu tour (ħlas extra) ta' din il-fabbrika u nkunu nistgħu nduqu varjeta sħiħa ta' ċikkulata. Ikollkom ċans tixtru wkoll. Nirritornaw lura l-lukanda.

### IL-ĦAMIS 10 T'AWWISSU

Wara buffet breakfast lestu l-video cameras għax il-ġita tal-llum hi mimlija xenarju mill-aqwa fejn se nżuru l-**famuż Glacier 3000**. Nibdew il-vjaġġ tagħna lejn **Gstaad**. Mal-wasla tagħna naqbdu cable car (extra) fejn nitilgħu fuq il-muntanja. Ser ikollkom għad t'opportunitajiet fejn min irid jista' juża l-alpine coaster – attrazzjoni li ssibuha s-sena kollha - bi ħlas extra. Dawn l-attivitajiet li ġejjin jistgħu jsiru mingħajr ħlas bhal **Peak Walk by Tissot -** li hi mixja fuq pont li jgħaqqad żewġ **Mountain Peaks** (jiddependi l-kundizzjoni tat-temp) u l-Ice Express chair lift Fun Park (Glacier Walk) – insomma ġurnata unika mimlija memorji li ma jintesew qatt. Wara ser inżuru l-villaġġ famuż ta' **Gstaad,** wieħed mill-aqwa destinazzjonijiet magħrufa fl-Iżvizzera. Nieqfu għal sightseeing, nirritornaw lura l-lukanda.

**8**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**1120**
**KULL PERSUNA**

**PREZZ KULL PERSUNA**
**ESKURSJONIJIET U TAXXI NKLUŻI**

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €1,170 | €1,120 |
| Kamra żewġ persuni | €1,180 | €1,130 |
| Kamra ta' persuna waħda | €1,430 | €1,380 |
| Tfal sa 11-il sena f'kamra ma' żewġ adulti | €910 | €860 |
| Half board a la carte menu €30 per meal | | |

**PREZZ JINKLUDI**

- Titjira mal-Air Malta: Malta - Geneva – Malta
- Transfers u eskursjonijiet skont il-programm
- (entraturi u cable cars mhux inklużi)
- 7 iljieli - Hotel Agora 4 Star fiċ-ċentru ta'Lausanne
- Kmamar bl-arja kkundizzjonata
- Buffet Breakfast kontinentali kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

### IL-ĠIMGĦA 11 T'AWWISSU

Fost il-ġmiel tal-**Alpi Franċiżi**, insibu l-belt t'**Annecy** magħrufa bħala **'Venice of the Alps'**. Flimkien mat-tour leader inżuru l-Old Town fejn naraw Palais de Isle, fortizza tas-seklu 12, il-kastell li jinsab fuq l-għolja mnejn taraw veduti mill-aqwa, Saint Pierre Cathedral, St. Francis Church, naraw il-kanali li jdawru lil din il-belt u djar ikkuluriti u mżejna bil-fjuri. Ikollna ħin liberu għall-ikel (extra) u min jixtieq ikun hemm l-opportunita' ta' boat ride (extra) fuq Lake Annecy qalb xenarju meraviljuż. Tistgħu wkoll tgawdu minn passiġġata sabiħa u rilassanti mal-promenade. Nirritornaw lura Lausanne.

### IS-SIBT 12 T'AWWISSU

Wara li nieħdu l-buffet breakfast, nitilqu bil-kowċ lejn il-belt ta' **Geneve** fejn flimkien mat-tour leader naraw il-bini lussuż ta' Geneve, famuża ħafna għall-Head Quarters Internazzjonali bħal United Nations building, WHO, Red Cross, nagħmlu mixja matul il-lag ta Geneve fejn naraw il-funtana Jet D'Eau li ttajjar ilma sa 150 metru. Naraw ukoll l-English Garden li huwa wieħed mill-isbaħ parks ta' din il-belt, jispikka l-arloġġ magħmul mill-fjuri kkuluriti. Wara transfer bil-kowċ lejn l-ajruport ta' Geneve għat-titjira KM483 li ttir fis-18:45 u naslu lura Malta fid-20:50.